MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 63/2012

Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd (C8692)
vs
Leisure and Theme Park Limited (C8161) u Patrick Vella

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti li bih esponiet:

1. Illi s-socjeta` ntimata u l-intimat Patrick Vella huma solidalment debituri tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta' disgha u ghoxrin elf u tmien mija u tmenin Euro u disa' centezmi (€29,880.09c) rapprezentanti l-bilanc dovut fuq prezz ta' prodotti mibjugha u konsenjati lilhom mill-istess socjeta` kif jidher mid-dokumenti annessi mar-rikors guramentat u immarkati AMSM 001-00x;

2. Illi l-intimati gew interpellati diversi drabi sabiex jersqu ghall-hlas izda baqghu inadempienti;

3. Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur ta’ l-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap. 12) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh *stante* li, fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti, il-konvenuti m’ghandhom l-ebda eccezzjoni x’jaghtu kontra t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

4. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa ghas-smigh tal-kawza *ai termini* ta’ l-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna lill-intimati solidalment u jhallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ disgha u ghoxrin elf u tmien mija u tmenin Euro u disa’ centezmi (€29,880.09c) rapprezentanti l-bilanc dovut fuq prezz ta’ prodotti mibjugha u konsenjati lilhom mill-istess socjeta` rikorrenti kif premess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju prezentat b’rabta ma’ dawn il-proceduri u bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja sa l-effettiv pagament kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta’ Dr. Damien Degiorgio li fih issemma li l-ammont mitlub ta’ €29,880.09 huwa cert,

likwidu u dovut solidalment min-naha tas-socjeta` Leisure and Theme Park Limited u Patrick Vella.

Xehed Dr. Damien Degiorgio u qal li hu awtorizzat jidher ghan-nom tas-socjeta` Alf Mizzi & Sons Marketing Limited. Ikkonferma kemm il-fatti kollha kif dikjarati kif ukoll li l-ammonti kollha ghadhom pendenti.

Rat li l-intimati debitament notifikati skond il-ligi ma dehrux ghas-seduta tal-lum u ma deher hadd ghalihom.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk peress li t-talba tas-socjeta` rikorrenti tidher gustifikata, il-Qorti filwaqt li qed tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza *ai termini* ta' l-artikoli 167-170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundanna lill-intimati solidalment li jhallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' €29,880.09 rapprezentanti l-bilanc dovut fuq prezz ta' prodotti mibjugha u konsenjati lilhom mill-istess socjeta` rikorrenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju prezentat b'rabta ma' dawn il-proceduri u bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja sal-effettiv pagament kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------